MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2007

Numru 960/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**V**

**ENZO QUARELLA**
**MARVIC GALEA**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **ENZO QUARELLA** ta' disgha w tletin sena bin Pietro u Maria Fatima nee Padova, imwieled l-Italja nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Dicembru 1966 u residenti 'Casamal', Triq Antonio Nani, Rabat, detentur tal-karta tal-identita numru 31754A u **MARVIC GALEA** ta' sitta w ghoxrin sena bint Francis u Josephine nee Gauci, imwielda Pieta nhar s-sittax ta' Novembru 1979 u residenti 'Casamal', Triq Antonio Nani, Rabat, detentrici tal-karta tal-identita numru 566479M gew imressqa quddiemha w akkuzati talli nhar t-tnejn ta' Marzu 2003, fil-Mosta b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu minn ismijiet foloz, jew ta'

kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza t' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmarginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' tlett mija u hamsin lira maltin bi hsara ghal haddiehor.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat dsatax ta' Settembru 2006 esibit fl-atti bhala dokument CSH 4 a fol 8 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar d-disgha ta' Ottubru 2006 (fol 9 u 10 tal-atti).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u liz-zewg imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2006 **xehed l-Ispettur Joseph Cordina** [fol 10] fejn qal li f'Novembru 2004, Saverina Rosso kienet ghamlet rapport fil-konfront ta' Enzo Quarella fejn din qalet li Quarella kien mar jixtri b'kemm jiswew tlett mija u hamsin lira maltin f'zebgha mill-hanut taghha, hallasha b'cekk u c-cekk ma ssarrafx.

Spjega li l-*file* gie ghandu f'Lulju 2006 u ftit wara rrintraccja lil imputat u lill-akkuzata Marvic Galea. Ikkonferma li fit-tlieta ta' Lulju 2006, baghat ghalihom fl-ufficcju tieghu u kellimhom it-tnejn wara li tahom it-twissija skond il-ligi u fl-istqarrija Marvic Galea kkonfermat li l-firma ta' fuq ic-cekk li bih kienet nxtrat z-zebgha kienet taghha u li dan ic-cekk ma kienx ssarraf ghaliex ma kellhomx flus fil-kont. Hija qaltlu wkoll li dak iz-zmien stess kienet infurmat lil Saverina Rosso li ma kienx jista

jissarraf ic-cekk ghaliex kellha problemi finanzjarji u kienet weghditha li ser thallasha. Gara li t-tnejn li huma telghu l-Italja u ghamlu xi sena l-Italja, skond kif qaltlu hi u sa dakinhar li kellimhom, dawn il-flus baqghu ma thallsux.

Qal li hu kellem lil Enzo Quarella l-istess gurnata wara li tah t-twissija skond il-ligi u dan kkonfermalu dak kollu li kienet qaltlu l-imputata Marvic Galea izda hu qal li c-cekk kien *post dated* u li kien informa lil tal-hanut li ma kellux flus fil-kont meta hargu. Zied jghid li wara li kellem lil imputati hu rega' kellem lill-Saverina Rosso u din qaltlu li c-cekk ma kienx *post dated* u kien bejgh normali. Qaltlu li kienet irceviet ic-cekk u harget il-materjal.

Ix-xhud esebixxa stqarrija, li giet immarkata bhala Dok. JC 1, maghmula fit-tlieta ta' Lulju 2006 fl-ufficju tieghu minn Marvic Galea wara li wissiha skond il-ligi fil-presenza ta' PC 1235 Warren Magri u fuq din l-istqarrija gharaf il-firma tieghu, dik ta' PC 1235 Warren Magri u kif ukoll ta' Marvic Galea li gharaf bhala l-imputata.

Esibixxa wkoll stqarrija ta' l-istess gurnata li rrilaxxja l-imputat Enzo Quarella wara li tah t-twissija skond il-ligi. Qal li din l-istqarrija l-imputat ghamilha wkoll fil-presenza ta' PS 1235 Warren Magri u gharaf fuqha il-firma tieghu, dik ta' PC 1235 Warren Magri u tal-imputat Enzo Quarella li gharaf bhala l-imputat presenti f'din l-awla.

In kontro ezami, mistoqsi jekk mill-investigazzjoni mizmuma minnu rrizultalux min kiteb id-data fuq ic-cekk, jekk kienitx il-kwerelanta stess jew l-akkuzati, x-xhud wiegeb li hu m'indagax peress li hadd minnhom ma qallu li huma kienu hargu cekk bla data. Zied jghid li l-kwerelanta kienet qaltlu li c-cekk ma kienx *post dated* filwaqt li l-imputat kien qallu li kien qal lil kwerelanta biex ma ssarrafx ic-cekk pero l-kwerelanta lilu (lix-xhud) ma qaltlux hekk; qaltlu li kien *cash sale* normali.

Illi nhar d-disgha ta' Ottubru 2006 **xehdet Saverina Rosso** [fol 15] fejn qalet li huma ghandhom hanut taz-zebgha l-Mosta u kienu ghamlu rapport lill-pulizija fejn rrappurtaw li l-imputat odjern Enzo Quarella kien mar jixtri

mill-hanut taghhom certu zebgha ‘graffiato’ li jintuza ghal barra u hallashom b’cekk. Mistoqsija meta gara dan l-episodju ix-xhud wiegbet li ma tiftakarx pero ic-cekk kienet ghaddietu lil pulizija. Qalet li effettivament huma ghaddewlu l-merkanzija u l-imputat hallashom b’cekk, liema cekk esebiet bhala Dok. JC 3. Mistoqsija mill-Qorti jekk l-imputat qalilhiex li ma setghax jissaraf c-cekk minnufih, hi wiegbet fin-negattiv, ma kien hemm xejn minn dan. Ziedet tghid li kien *cash sale* normali. Spjegat li c-cekk huwa ta’ tlett mija u hamsin lira maltlin u jgib id-data tal-ghoxrin ta’ Marzu 2003. Ix-xhud qalet li fuq ic-cekk ma kitbet xejn hi u li d-data ma kitbithiex hi fuq ic-cekk. Lanqas l-ammont fuq ic-cekk ma kitbet hi u li kien l-imputat Enzo Quarella li kitibhom u dan fil-presenza taghha.

Mistoqsija mill-prosekuzzjoni jekk ghamlitx xi kuntatt ma l-imputat wara, ix-xhud wiegbet li kienet cemplitlu. Sussegwentement esebiet fotokopja ta’ dan ic-cekk w ippromettiet li fis-seduta li jmiss tsebixxi l-original.

Mistoqsija jekk huma hargux ricevuta tal-materjal li kkonsenjaw, ix-xhud wiegbet li ma hargux. Qalet li l-imputat gieli xtara minghandhom qabel u dejjem hallashom.

Illi nhar il-hamsa ta’ Lulju 2007 **regghet xehdet Saverina Rosso** [fol 55] fejn qalet <u>li ma kienx minnu dak li qalet fix-xhieda taghha precedenti li l-kitba fuq ic-cekk saret minn Enzo Quarella w ikkoreggiet ruhha fis-sens li qalet li effettivament kienet imliet ic-cekk hi</u>.

Illi nhar t-tlettax ta’ Novembru 2006 **xehed PS 1174 Adrian Sciberras** [fol 20] fejn qal li fis-sitta ta’ April 2003 kien ircieva rapport minghand Saverina Rosso li ghandha hanut taz-zebgha fejn qaltlu li kienu thallsu ammont ta’ tlett mija u hamsin lira maltin b’cekk minghand l-imputat Enzo Quarella. Qal li c-cekk in kwistjoni kien jghajjat lil Marvic Galea u meta hi u zewgha marru biex jsarrfu dan ic-cekk, dan kien gie *refer to drawer* u ghalhekk ma setghax jissarraf u baqghu ma thallsux. Ic-cekk in

kwistjoni huwa mahrug mill-Bank of Valletta u jgib in-numru 65 tat-tnejn ta’ Marzu 2003 fl-ammont ta’ tlett mija u hamsin lira maltin pagabbli lil Ital Paint.

Ix-xhud esebixxa l-*original* ta’ dan ic-cekk li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. PS u kif ukoll l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala Dok. PS1. Mistoqsi jekk kien kellem lil Enzo Quarella ix-xhud wiegeb fin-negattiv pero zied jghid li kien kellem biss lil Marvic Galea peress li c-cekk kien jghajjat lilha u kienet ffirmat ghalih hi.

Illi nhar l-ghoxrin ta’ Novembru 2006, d-difiza talbet li jigi nominat espert sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn il-kitba li hemm fuq c-cekk esibit bhala dokument PS mal-kitba tal-imputati u dan ghaliex l-imputati sostnew sa mill-bidu nett tal-proceduri, li kienet il-kwerelanta stess li kienet kitbet fuqu w il-Qorti laqghet t-talba b’dan li nnominat lil Martin Bajada sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn il-kitba li hemm fuq c-cekk esibit fl-atti bhala Dok. PS mal-kitba tal-imputati. L-espert kellu wkoll jiehu kampjun tal-firma tal-imputati seduta stante.

Illi nhar s-sbatax ta’ Jannar 2007 l-espert Martin Bajada ha l-kampjun tal-firem tal-imputati seduta stante.

Illi nhar s-sebgha ta’ Frar 2007 deher u **xehed Martin Bajada** [fol 33] fejn esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MBA [fol 35]. Qal li hu kien gie nominat b’digriet ta’ din il-Qorti sabiex jiehu l-firem ta’ l-imputati seduta stante sabiex jezamina cekk esebit fl-atti u jirrelata dwar l-istess. Ix-xhud Martin Bajada esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MBA u spjega li fil-fehma tieghu rrizultalu li l-kitba fuq ic-cekk ma huwa ta’ l-ebda wiehed mill-imputati la c-cifra u lanqas id-data. Qal li pero l-firma fuq ic-cekk taqbel mal-firma tal-imputata Marvic Galea.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ April 2007 **xehdet l-imputata Marvic Galea** [fol 47] fejn qalet li tiftakar li kienet ghaddiet xi cekkijiet lil imputat Enzo Quarella sabiex ihallas ghal xi materjal u li kienet hi li ffirmat dawn ic-cekkijiet, pero c-cekkijiet kienu *blank* u li kienu hargu *blank* peress li ma

kienetx taf l-ammont sewwa u b'hekk kellhom jimtlew dak il-hin. Qalet li hi ma kienetx mal-imputat Enzo Quarella meta huwa ghadda lil Marvic Galea ic-cekkijiet. Qalet li Enzo Quarella pero kien qalilha li kien qal lil Saverina Rosso sabiex ma ssarrafx c-cekk minnufih. Fil-fatt ziedet tghid li kienet hi li cemplet lis-sinjura Rosso u qaltilha li l-flus kienu ghadhom ma dahlux fil-kont taghha w ghalhekk kellha tistenna ftit qabel ma ssarrfu.

Meta giet murija c-cekk markat bhala Dok. PX, l-imputata kkonfermat li dak huwa c-cekk li harget hi u li ffirmat fuqu hi stess. Qalet li l-kitba fuq dan ic-cekk mhix kalligrafija taghha, lanqas ma hija ta' l-imputat Enzo Quarella ghaliex hu ma jafx jikteb bl-Ingliz.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 2007 **xehed l-imputat Enzo Quarella** [fol 49] fejn qal li kien veru li dak li qalet l-ko akkuzata Marvic Galea fix-xhieda taghha u cioe li hija ffirmat ic-cekk u tatulu vojt. Qal wkoll li kien hu li kien mar ghand is-sinjura Galea, l-Mosta, biex jghaddilha dan ic-cekk, pero hu ma meliex dan ic-cekk u kienet is-sinjura stess li imliet dan ic-cekk. Qal wkoll li dan ic-cekk li mliet Galea, ma kienx fih data fih u hu kien qalilha li malli kien ser jispicca x-xoghol li kien qed jaghmel u jithallas, kien ser imur lura fil-hanut u jaghitha flus *cash* u hi taghtih lura c-cekk. Sussegwentement hu baqa jmur ghandha u kien xtara xi zebgha w affarijiet ohra w inqalghulu problemi ghaliex fejn kien qed jahdem ma kienux qed ihallsuh. Stqarr li fil-fatt hu kien habib mal-kwerelanti Galea u kienu jiltaqghu ta' spiss u hu kien jghidilha biex taghtih iktar zmien biex ihallasha.

Kompla jghid li fil-fatt kien iltaqa maghha anke meta kien gie lura mill-Italja u qalilha biex ghal darb'ohra taghtih zmien biex ihallas, pero imbaghad il-pulizija kienet cemplitlu. Ikkonferma li kien ghadu ma hallashiex ghaliex ma kellux minn fejn ihallas ghalkemm l-intenzjoni tieghu kienet li jhallas.

Mistoqsi jekk kienx hu li mela' dan ic-cekk in kwistjoni ix-xhud wiegeb li ma kienx hu u dan anke wara li gie muri c-

cekk esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dok. PX. Ikkonferma li bl-ingliz ma jiktibx.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat Enzo Quarella xtara xi materjal minghand Saverina Rosso u hallas ghalih permezz ta' cekk mahrug mill-ko-akkuzata Marvic Galea. Jirrizulta wkoll li c-cekk li gie moghti mill-imputat lil Saverina Rosso kien iffirmat minn Marvic Galea. Irrizulta wkoll bhala fatt, minn ezami tar-rapport tal-espert Martin Bajada, li dan ic-cekk gie miktub minn Saverina Rosso stess.

Illi l-imputat Enzo Quarella spjega li hu kien taha c-cekk lil Saverina Rosso bhala garanzija tal-flus li kellu jaghtiha pero jghid li meta hareg ic-cekk, flus fil-kont ma kienx hemm u lil Saverina Rosso kien qalilha, tant li fil-fatt kienet kitbitu *post dated*.

Marvic Galea a tempo vergine tal-investigazzjoni fil-mument meta rrilaxxjat l-istqarrija taghha Dok. JC 1, tghid li hija cemplet lil Saverina Rosso u qaltilha li ma kienx hemm flus fil-kont, sabiex ma ssarrfax c-cekk u li kienet ser tpoggi flus fil-kont.

Illi Saverina Rosso infatti l-ewwel tghid li kien Enzo Quarella li kiteb ic-cekk w ghaddihulha wara li xtara xi zebgha w imbaghad wara li saret il-perizja teknika w irrizulta li c-cekk gie miktub minnha, biddlet l-versjoni u qalet li effettivament kienet hi li ffirmatu.

Illi ghalhekk l-imputati jidrhu aktar genwini fix-xhieda li taw u l-Qorti thoss li ghandha tiskarta dak li qalet l-kwerelanta Saverina Rosso.

Illi ghalhekk jispetta lil Qorti tara x'hinu l-element rikjest ghal ezistenza tar-reat ta' truffa li bih huma akkuzati l-imputati.

Kif gie definit fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Marzu 1995*** fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Glen sive John Debattissta**:

*"L-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li jkun hati ta' frodi b'ghemil qarrieqi:*

*"Kull min b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh …"*

*It-truffa u d-delitti l-ohra ta' frodi affini bdew jigu kkunsidrati b'mod awtonomu fl-ahhar tas-seklu tmintax u t-truffa kif nafhuha llum, dehret l-ewwel; darba, ghalkemm f'isem differenti, fil-Kodici Penali Francis fis-sena 1810 li fl-artikolu 405 jikkonsidra bhala truffa l-att ta' dak li b'ingann ikun "escroque ou tente' d'escroquer la totalite' ou partie de la fortune d'autrui".*

*It-terminu 'truffa' wzat anke mill-Koidici Taljan fis-sena 1889 u mill-Codice Sardo kien minflok adoperat mill-Kodici Toskan tas-sena 1853 biex jindika l-approprijazzjon indebita, mentri l-vera truffa kif nafuha ahna llum, kienet denominata f'dak il-Kodici bhala 'frode'. Fir-relazzjoni tal-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati Taljana, fuq il-progett tal-Kodici Penali tas-sena 1857, (numru CCXXXIII) intqal li:*

*"La parola truffa parve piu' adattata del vocabolo frode a designare quella speciale categoria di malefizi in cui l'usurpazione degli averi si commetta con l'inganno e con fraduelenti raggiri e la scelta parve alla Commissione oppoartuna perche' il significato specifico della parola truffa e' piu universalmente penetrate nel linguaggio commune come designativo di una catergoria speciale di delitti commessi mediante l-astuzia e il raggiro della vittima, mentre il vocabolario frode e' preferibilmenta usato per indicare il genere dei malefizi che hanno per*

*loro fondamento la menzogna e l'inganno. Ed in questo significato piu ampia e piu comprensiva viene appunto la parola frode usata in tutta la nostra legislazione e cosi che la scelta di un altro covabolo, destinato a significare una della singole specie di azione compiuta col mezzo della frode, e anche imposta dalla necessita di mettere in armonia il linguaggio del Codice Penale con quello delle altre leggi vigenti."*

Dwar dak li jikkostitwixxi *mise en scene*, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Gunju 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Ellul**, fejn gie ritenut li:

*"Fil-ligi taghna, element essenzjali ghal kostituzzjoni ta' reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe dawk l-"artificji" jew "raggiri" idoneji li jinducu u li effettivament ikunu nducew lil vittma fi zball - l-ingann - u li b'konsegwenza ta' dak l-izball, il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent.*

Kif jispjiega l-gurista Taljan **Francesco Antolisei** b'*artifizio*' wiehed ghandu jifhem:

*"… ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni comuffamento della realta effettiva sia simultata cioe che non esiste [per es. ricchezza, titoli, nome, qualita, ecc.] sia dissimulando, vale a dire, nascondando cio' che esiste [per es. il proprio stato di insolvenza, di persona coniugata o inabitat, l'uso di una determinata cosa ecc.]. [Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale 1 - Guffre (Milano) 1986 - pg. 295.]*

**L-istess awtur jiddefinixxi ir-'raggir'** bil-mod segwenti:

*"Il raggiro … e' un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere; piu precizamente uno menzogne corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita." [ibid]*

Il-Ligi taghna ma tirrekjedix li l-messa in xena, cioe li dawn l-artifizji jew raggiri jkunu xi haga komplikata jew arkitettata b'hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm s-sitwazzjoni ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandiex. Hekk, per ezempju, meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragjonevolment kien jaf li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom kontemplati fil-ligi taghna.
Pero kif inghad, element essenzjali iehor tar-reat in desamina huwa t-telf patrimonjali li garrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghal agent, liema telf u qligh jkunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma <u>ghax tkun giet ingannata</u>. Infatti, it-truffa kommessa tigi mqabbla mas-serq u mal-approprijazzjoni indebita bid-differenza bejn t-tlett reati konsistenti fil-mod ta' <u>kif</u> isir t-telf u korrispondent qligh.

**Fi kliem l-awtur appena citat:**

*"Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato [di truffa] e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche' il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un' arbitraria, e percio' non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa, invece, l'agente, mediante artifizi o raggiri, riesce ad ottenere che la vittima si danneggi da se': consegni una cosa, assuma un'obbligazione, rinunzi ad un diritto, ecc.: compia insomma un atto di disposizione pregiudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri" [<u>op</u>. <u>cit</u>., p. 293].*

Illi pero kif gie spjegat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali tat-tnax ta' Frar 1979*** fl-ismijet **Il-Pulizija v Anthony Francis Willoughby** li:

*"…mhux kull cheque li ma jigix onorat mill-bank necessarjament jammonta ghal reat ta' truffa (Artikolu 308 tal-Kap 9) jew ghar-reat minuri, izda kimpriz w involut f'dak ta' truffa, ta' lukru frawdolent innominat (Artikolu 309); u dan hu hekk anke jekk kemm il-darba jirrizulta li meta inhareg ic-cheque, jew meta kellu jigi msarraf, min hargu kien jaf li ma hemmx flus fil-kont relattiv. Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali, kolleggjalment komposta, fis-sentenza tad-disgha w ghoxrin ta' Novembru 1922 fl-ismijiet* ***Sua Maesta' Il Re v Antonio Demicoli et****, mhux kull formata' lokupletazjoni ossia arrikkiment maghmul a dannu ta' haddiehor, tammonta ghal frodi fis-sens tal-ligi penali. Fil-ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi nnominati, irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma t'ingann jew qerq, liema ngann jew qerq ikun wassal lil vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghal agent. [vide* **Il-Pulizija v Emanuel Ellul** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Gunju 1997*** *w* **Il-Pulizija v Daniel Frendo** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Marzu 1994****]. Dan t-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghaliex tkun giet ingannata voluntarjament, taghti xi haga lil agent [vide* **Il-Pulizija v Carmel Cassar Parnis** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Dicembru 1959*** *– Vol. XLIII – IV - 1140]. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah wkoll mise en scene – ikun hemm t-truffa; jekk le, ikun hemm r-reat minuri ta' frodi nnominata [jew lukru frawdolent innominat] (vide fost ohrajn* **Il-Pulizija v Carmel Cassar Parnis** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-wiehed u tletin ta' Ottubru 1959*** *– Vol. XLIII – IV – 1137,* **Il-Pulizija v Francesca Caruana** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 1953*** *– Vol. XXXVII – IV – 1127;* **Il-Pulizija v Giuseppe Schrainer** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' Marzu 1956).*** *Naturalment, il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus jista jkun proprju l-mezz t'ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li ggiblu telf partimonjali bil-konsegwenti ngann ghal agent [vide* **Il-Pulizija v Francis sive Franco Farrugia** ***deciza mill-***

***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Frar 1985 -*** *Vol. LXIX – V – 596]"*

Fil-kaz in dezamina u jekk wiehed kellu jiehu *a bocca baciata*, l-versjoni moghtija minn Enzo Quarella u Marvic Galea, meta huma taw c-cekk lil Saverina Rosso, dan ghamluh mhux ghaliex riedu jingannaw lil kwerelata. Tali ingann jew qerq ma jirrizulta minn imkien. Illi huwa minnu li l-ammont ta' tlett mija u hamsin lira maltin huwa dovut mill-imputati pero bhala dejn civili u mhux bhala rizultat ta' xi ghemil penali – il-hrug tac-cekk ma kien kopert b'ebda ngann.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputati ENZO QUARELLA u MARVIC GALEA hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom u tiddeciedi li tilliberahom minn kull akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------